MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 630/2002

**L-Awtorita' Marittima ta' Malta**

**Vs**

**John Sammut**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf sitt mija u tnejn u sittin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1662.20) dovuti lill-Awtorita' attrici bhala fees ghal servizz ta' berthing provdut lill-konvenut fuq ordni tieghu stess fil-Yacht Marina, Msida ghall-boat bl-isem "Cigan", kif jidher mill-invoice tat-23 ta' Lulju, 2002 (kopja taghha annessa bhala Dok A). L-awtorita' attrici tannetti wkoll kopji ta' ittri ufficjali mibghuta lill-konvenut, datati 20 ta' Frar, 2001 u 14 ta' Frar 2002, ezebiti bhala Dok B u Dok C rispettivament.

Bl-ispejjez, kif ukoll l-imghax legali sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota tal-istess socjeta attrici, presentata “seduta stante” fit-23 ta’ Settembru 2003 u li biha giet ridotta s-sorte ghal Lm662.20,0 ghar-raguni premessa fl-istess nota.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-atti minn fol 2 sa fol 7 tal-istess atti:

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-23 ta' Settembru 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm662.20,0 bl-imghax legali mill-20 ta’ Frar 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-20 ta’ Frar 2001 u tal-14 ta’ Frar 2002.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------